MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 820/2007

**Mobisle Communications Limited – C24655**

**Vs**

**Antonia Conti**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' sitt mija u tmien Euro u tlieta u erbghin centezmu (€608.43) - (Lm261.20c) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 1009520 in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xahar ta' bejn Ottubru 2006 u Marzu 2007.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' sitt mija u tmien Euro u tlieta u erbghin centezmu (€608.43) - (Lm261.20c), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------